

LINJI GWIDA

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-15 ta' Mejju 2013

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2006/4 dwar il-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni ta' riżervi feuro mill-Eurosistema għall-banek ċentrali u pajjiżi li jinsabu barra ż-żona tal-euro u għal organizzazzjonijiet internazzjonali

(BĊE/2013/14)

(2013/234/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikolarment l-Artikoli 12.1 u 14.3 u l-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Linja Gwida BĊE/2006/4 tas-7 ta' April 2006 dwar il-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni ta' riżervi feuro mill-Eurosistema għall-banek ċentrali u pajjiżi li jinsabu barra ż-żona tal-euro u għal organizzazzjonijiet internazzjonali⁽¹⁾ għandha tindirizza l-kwistjoni ta' kontropartijiet suġġetti għal miżuri restrittivi fil-qasam tal-prevenzjoni kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.
- (2) Għaldaqstant, il-Linja Gwida BĊE/2006/4 għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

Artikolu 1

Emenda

Fl-Artikolu 7 tal-Linja Gwida BĊE/2006/4, jiżdied il-punt (f) li ġej:

“(f) jiddikjaraw illi l-klijent ser jikkonferma lill-membri tal-Eurosistema illi huwa jikkonforma mal-liġijiet kollha nazzjonali u tal-Unjoni għall-prevenzjoni kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, safejn u sal-punt applikabbli lilu, inkluż l-istruzzjonijiet mogħtija minn awtoritajiet kompetenti, u li huwa mħuwieħ involut f'xi forma ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu.”.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

1. Din il-Linja Gwida tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem il-“BĊNi”).
2. Il-BĊNi għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida minn sitt ġimgħat wara li tingħatalhom in-notifika.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-15 ta' Mejju 2013.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ ĠU L 107, 20.4.2006, p. 54.